

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Sistemi Ġudizzjarji Nazzjonali](#) > [Ireland](#)

Sistemi ġudizzjarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Irlanda

Irlanda



Din it-taqsimha tagħtik deskrizzjoni ġenerali tas-sistema tal-qrati fl-Irlanda.

Is- [Servizz għall-Qrati](#), li huwa persuna ġuridika indipendenti li nħoloq f'Novembru 1999 u ġie mwaqqaf mill-Gvern skont l-Att dwar is-Servizz għall-Qrati, 1998, għandu l-obbligi statutorji li ġejjin:

1. - Jamministra l-qrati,
2. - Jipprovdi servizzi ta' sostenn lill-imħallfin,
3. - Jipprovdi informazzjoni dwar is-sistema tal-qrati lill-pubbliku,
4. - Jipprovdi, jamministra u jieħu f'isieb il-bini tal-qorti, u
5. - Jipprovdi faċilitajiet għal min juża l-qrati.

Il-Kostituzzjoni tal-Irlanda tgħid illi l-ġustizzja għandha tiġi amministrata fil-qrati stabbiliti bil-liġi mill-imħallfin maħtura mill-President fuq il-parir tal-Gvern; illi l-imħallfin tal-qrati kollha, skont il-Kostituzzjoni, huma kompletament indipendenti fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom. Imħallef ma jistax jitneħħa mill-kariga ħliet għal imġiba ħażina jew inkapaċità u mbagħad biss abbażi ta' riżoluzzjonijiet li jkun għaddew miż-żewġ kmamar tal-Oireachtas (il-Parlament).

Ġerarkija tal-qrati

Il-Kostituzzjoni tfassal l-istruttura tas-sistema tal-qorti li tikkonsisti f'qorti tal-appell finali, il-Qorti Suprema, u l-qrati tal-prim'istanza li jinkludu High Court li għandha ġuriżdizzjoni sħiħa għall-kwistjonijiet kriminal u ċivili u qrati ta' ġuriżdizzjoni limitata, is-Circuit Court u l-Qorti Distrettwali organizzati fuq bażi reġjonali.

Fir-rigward tal-kawżi kriminali, l-Artikolu 38 jgħid illi "M'għandhom jittieħdu l-ebda proċedimenti kriminali kontra persuna ħliet fi proċess xieraq skont il-liġi". Ir-reati minuri jinstemgħu quddiem qrati ta' ġuriżdizzjoni sommarja filwaqt li kawża kontra persuna li tiġi akkużata b'reat aktar serju ma tistax tinstema' jekk mhux b'ġuri. Il-Kostituzzjoni ttiprovdi wkoll għat-twaqqif ta' Qrati Speċjali biex tiżgura l-amministrazzjoni effettiva tal-ġustizzja meta l-qrati ordinarji ma jkunux jistgħu jagħmlu dan.

Il-pubbliku jista' jidħol f'kull qorti ħliet dawk li juru t-tabella 'in camera' li tfisser li dik il-kawża mhix miftuħa għall-pubbliku ġenerali.

Il-qrati li jisimgħu il-kawżi ċivili huma organizzati f'dawn l-istrutturi li ġejjin:

Il-Qorti Suprema

(Ibbażata f'Dublin)
Ġuriżdizzjoni tal-Appell

Is-Circuit Court
(Ibbażata f'kull waħda mis-26 belt tal-kontea)
Ġuriżdizzjoni oriġinali sa massimu ta' (€38,092.14) u Ġuriżdizzjoni tal-appell mis-Circuit Court u ċerti tribunali oħra

Il-High Court

(Ibbażata f'Dublin)
Ġuriżdizzjoni oriġinali sħiħa u Ġuriżdizzjoni tal-appell mis-Circuit Court u ċerti tribunali oħra

Il-Qorti Distrettwali

(Ibbażata f'24 distrett)
Ġuriżdizzjoni oriġinali sa €6,348.69
(Inklużi l-proċedura tat-Talbiet iż-Żgħar għal ċerti talbiet tal-konsumaturi sa massimi ta' €1,269.74)

L-aħħar aġġornament: 18/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.